MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru. 1075/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Sirag Borg**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Sirag Borg, ta' 17-il sena, iben missier mhux maghruf u Josephine nee' Borg, imwieled 26 t'Awwissu, 1992, Pieta', joqghod 177, Maria, Triq is-Swieqi, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita' numru 421392M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Settembru, 2009 ghal habta ta' nofs il-lejl (12:00 a.m.) fi Triq Wilga, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

Il-ko-imputat Sirag Borg wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ David Malcolm Anthony Ellul.

Il-ko-imputat Sirag Borg wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fil-gisem ta’ Luke Darlow.

Il-ko-imputat omissis wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura hafifa fil-gisem ta’ David Malcolm Anthony Ellul u Luke Darlow.

Akkuzati aktar flimkien talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ David Malcolm Anthony Ellul u Luke Darlow sabiex jingurjawh jew idejquh jew sabiex jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor.

Akkuzati aktar flimkien talli volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied.

Il-ko-imputat omissis wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuna nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hi gentilment mitluba li titratta ma’ l-akkuzat omissis bhala recediv.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita’ mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ David Malcolm Anthony Ellul u Luke Darlow jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot, lill-hati b’oggligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ flus li tigi ffisata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Dicembru 2010 (esebita a fol. 128 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Fil-Konfront ta' SIRAG BORG

(a) fl-artikolu 214, 215 u 216(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikolu 214, 215, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikolu 339(1)(d), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fil-Konfront ta' OMISSIS

(e) fl-artikolu 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) fl-artikolu 339(1)(d), 338(dd), 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) fl-artikolu 17, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar 2011, l-imputat Sirag Borg ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Mejju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u kkunsidrat il-fatt ukoll li fid-data tal-kummissjoni tar-reat l-imputat kien minorenni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 221, 338(dd), 339(1)(d) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali  qed jigu sospizi ghall perjodu ta’ tlett(3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------